MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Numru. 761/2010

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Charles Joseph Spagnol, iben Paul, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ April, 1988, Karta ta’ l-Identita numru 223588(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-25 ta’ Ottubru, 2009 għal ħabta tas-2.30 a.m. minn ġewwa l-fond li jismu Havana li jinsab fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan ikkometta serq ta’ mobile phone tal-marka Nokia N95, €25 fi flus kontanti, credit card tal-Bank of Valletta u xi dokumenti personali għad-dannu ta’ Gaynor Bajada, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u bil-valur ta’ aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37;
2. talli fl-istess data u/jew ġranet wara xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq,

jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indaħal sabiex imexxihom jew ibiegħhom.
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-akkużat bħala reċidiv.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq.

Rat il-verbal tas-seduta fejn Gaynor Bajada nfurmat lill-Qorti li l-mobile kien jiswa madwar €500.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat biex fi żmien sitt xhur mil-lum iħallas is-somma ta' €500 danni lil Gaynor Bajada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------